# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum id-19 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 462 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Sheridan Lee GRECH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' **Sheridan Lee GRECH** karta tal-identità bin-numru 58199M li ġie mixli talli (in suċċint) fis-27 ta' Mejju 2017 għall-ħabta tat-03:00 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema:

   i. Saq jew ipprova jsuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBX 576 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

ii. Talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru JBX 576 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;
iii. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura numru JBX 676 b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma vettura oħra b'numru JBP 802 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Anna Faniello;
iv. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura numru JBX 576 u b'nuqqas ta' ħsieb hew traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jre professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku jew għamel xi ħsara meta involontarjament ikkaġuna ħsara f'Traffic ligħts għad-dannu ta' Transport Malta kif ukoll tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddisponiet minn din il-kawża bil-mod segwenti:

   Ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah ghal ewwel u ghat-tieni imputazzjoni multa ta' €1,200 komplessivament u s-sospensjoni tal-licenzja ghal sitt xhur u tat tielet u r-raba' imputazzjoni multa ta' €500 komplessivament.

3. Illi permezz ta' rikors datat 14 ta' Novembru 2017 Sheridan Lee GRECH interpona appell mis-sentenza imsemmija aktar il-fuq fejn huwa saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti kif ukoll li straħet fuq provi li ma kienux l-aħjar provi fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell din il-Qorti rat li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx tissodisfa l-vot tal-artikolu 382

tal-Kodiċi Kriminali minħabba l-fatt illi fil-parti disposittiva tas-sentenza il-Qorti tal-Maġistrati **<u>naqset milli ssemmi l-artikolu tal-Liġi</u>** li jikkontempla r-reat.

5. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.

6. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio*.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***